MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 33/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Richard Chetcuti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Richard Chetcuti talli:

(1) fl-4 ta' Mejju 2008 ghall-habta tas-7.30 p.m. waqt li kien fi Triq il-Wied Birkirkara quddiem il-Kazin tal-Football ta' Birkirkara kien f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu;

(2) fl-istess data, hin u lok ghamel uzu jew ipprova jaghmel uzu jew kellu kontroll ta' vettura bin-numru ta'

registrazzjoni HER-857 fi triq jew f'lok pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

(3) fl-istess data, rrifjuta jew naqas milli jaghti fil-GHQ tal-Pulizija skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina lill-pulizija;

(4) fl-istess data, hin u lok ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' whud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku (PC 1078 u PC 522) waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(5) ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

(6) irrifjuta li jaghti lil PC 1078, persuna nkarigata minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 338(ff), 338(bb) u 338(gg) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15A, 15B, 15C, 15D, 15E u 15H tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Paul Richard Chetcuti hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti u kkundannatu multa ta' hames mitt euro (€500) u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Paul Richard Chetcuti pprezentat fis-6 ta' Frar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-fatti kif ukoll tad-dritt. Jghid illi (1) jekk persuna tirrifjuta jew tonqos milli taghti z-zewg kampjuni mitluba mill-Pulizija, din ma tkunx hatja tar-reat kontemplat fis-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 15E tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta meta l-Pulizija ma jkollhiex suspett ragjonevoli li dan ikun qieghed jaghmel xi reat. Dan il-punt ta’ dritt gie abbracat fis-sentenza ta’ din il-Qorti *Il-Pulizija v. Carmenu Rapinett* deciza fl-20 ta’ Dicembru 2000. Ghalhekk, skond l-appellant, l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijet ma jirrizultawx manifestament; (2) ir-raba’ imputazzjoni ma tirrizultax u kull ma ghamel l-appellant hu li rreagixxa b’mod naturali ghall-atteggjament sproporzjonat tal-Pulizija fil-konfront tieghu; (3) is-sitt imputazzjoni ma tirrizultax ghaliex wara ftit l-appellant ta d-dettalji tieghu kif ordnat.

Dan l-appell jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Effettivament din il-Qorti semghet mill-gdid ix-xhieda kollha li xehdu quddiem l-ewwel Qorti u ezaminat l-affidavits esebiti quddiem l-ewwel Qorti. Jirrizulta li l-kaz kollu nqala’ meta l-appellant li kien flimkien mal-*partner* tieghu u z-zewgt itfal taghhom waqaf quddiem il-kazin tal-football ta’ Birkirkara sabiex jixtru xi haga minghand il-McDonald’s. L-appellant kien liebes il-flokk tal-Belt u kienu ghadhom gejjin minn loghba football bejn il-Belt u l-Floriana.

P.C. 1078 Mario Ciantar qal li hu u P.C. 522 kellhom struzzjonijiet sabiex ma jhallu ebda partitarju jinzel quddiem il-Kazin ta’ Birkirkara. Ghalhekk meta raw lill-appellant jieqaf marru fuqu kemm minhabba li kien *double-parked* kif ukoll minhabba li kellhom tali struzzjonijiet sabiex jghidulu jimxi minn fejn kien. Skond P.C. 1078 l-appellant irrifjuta jnehhi l-vettura tieghu, beda jghajjat u joghla u jghid li jrid imur jiekol hamburger mill-McDonald’s u beda jibghathom f’.... kemm ghandhom. Huwa xammlu riha ta’ alkohol, talbu l-*particulars* izda l-appellant irrifjuta li jtihomlu. P.C. 1078 xehed li kien hemm persuna li ma jafhiex illi pprova jipperswadieh izda ma bediex jisma’ minnu. Ghalhekk ix-xhud cempel lis-Surgent

tieghu biex jinzel fuq il-post jarrestah, kif fil-fatt sar. In kontro-ezami, mistoqsi jaqbilx li meta l-appellant hareg mill-karozza fl-ebda hin ma ndirizza lill-partitarji ta’ Birkirkara jew tah x’jifhem li kien hemm biex jaqla’ l-inkwiet, ix-xhud wiegeb: “L-anqas fir-rapport mhumiex imnizzlin dawk.”

Dwar dak li gara fil-post, dan kien l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni peress illi P.C. 522 la gie prodott u l-anqas ma gie pprezentat affidavit tieghu. P.S. 241 Nicholas Farrugia u P.C. 525 Charlton Falzon Cascun jghidu biss li huma ppruvaw jipperswadu lill-appellant jaghmel il-*breathalyser test* izda huwa rrifjuta u wara diversi tentattivi biex jikkalmawh u baqa’ jargumenta maghhom huwa ttiehed l-ghassa ta’ Birkirkara.

L-appellant fix-xiehda tieghu ammetta li pparkja *double-parked* u qal li huwa pparkja wara karozza ohra li wkoll kienet *double-parked*. Mar lejn il-McDonald’s u resaq lejh pulizija li kien edukat u talbu jressaq il-karozza u ndikalu post fir-rampa faccata fejn seta’ jipparkja. Mexa mal-pulizija sal-karozza, kien hemm partitarji ta’ Birkirkara li kien jaf u sellmu lil xulxin. Dahal fil-karozza u x’hin se jistartja biex isuq mar fuqu P.C. 1078 li qallu: “int gejt hawn biex tipprovoka n-nies”. Dan wassal ghal battibekk bejnu u P.C. 1078 li qallu li se jehodlu l-*breathalyser* u akkuzah li kien fis-sakra. Skond l-appellant, meta P.C. 1078 talbu l-*particulars* huwa hareg il-karta ta’ l-identita` minn gol-karozza u tahielhom. L-appellant wera lill-Qorti diploma rilaxxjat mill-Caritas li jiccertifika li huwa kien ikkompleta New Hope Programme fit-23 ta’ Gunju 1995. Qal li inoltre ma jistax jikkonsma certu alkohol ghajr flixkun birra jew tnejn minhabba li jista’ jkollu jissottometti ruhu ghal operazzjoni ohra f’ghajnejh minhabba offiza li kien sofra. Huwa fil-fatt esebixxa certifikat rilaxxat minn Dr. Pierre Farrugia (Dok. AA a fol. 63). Huwa stqarr li l-*ground* dakinhar kien xorob biss *hot chocolate*. Lill-pulizija li gew biex jaghmlulu l-*breathalyser test* huwa qallhom li kien qieghed jirrifjuta u tahom ir-ragunijiet, tahom il-*particulars* u haduh l-ghassa tal-Pulizija. Huma u sejrin l-ghassa s-surgent beda jsaqsieh xi mistoqsijiet beix jara kienx f’sensieh u wiegbu normali. L-ghassa talab li jcmpel lil

martu izda ma thalliex. Minn hemm ittiehed d-Depot fejn mill-gdid irrifjuta li jaghmel testijiet tan-nifs. L-appellant qal lill-Ispettur Simon Galea li huwa kien qieghed jirrifjuta ghax ma kienx xorob u dehrlu li kien abbuz ta' poter da parti tal-pulizija li ried li jsir il-*breathalyser* (riferenza ghal P.C. 1078) meta l-pulizija l-iehor kien qallu biex isuq. Meta rega' ttiehed l-ghassa ta' Birkirkara saqsa lis-surgent ta' l-ghassa setax imur u dan ma halliehx kif l-anqas ma hallieh icempel biex jara jekk il-familja tieghu kinitx *"all right"*. Ghal kumment ta' l-appellant li jekk ma kienx taht arrest allura seta' jcempel, skond l-appellant gie aggredit mis-surgent u kien hemm zewg pulizija li gibduh lura. Surgent iehor imbaghad wasslu d-dar mnejn mar ghand it-tabib tieghu, Dr. Adrian Vassallo, li rrilaxxja certifikat (Dok. PRC1). In kontroezami, mistoqsi kif kulhadd spicca riha ta' birra, qal li meta kien il-*ground* u l-Belt bdew jiskurjaw, bdew joghlew it-tazzi tal-birra bhalma jigri s-soltu u b'hekk jixxarrab kulhadd. Cahad li offenda lill-Pulizija.

Amanda Ann Galea, il-*partner* ta' l-appellant, spjegat li dakinhar waqfu biex imorru l-McDonald's u kien hemm pulizija li gibdilhom l-attenzjoni li kienu pparkjati hazin. Qalilhom biex jipparkjaw faccata. X'hin dahlu fil-karozza mar it-tieni pulizija li fetah il-bieba ta' l-appellant hadlu cc-wievet u qallu li ma kien sejjer imkien ghax kien mar hemm biex jipprovoka. Qal lill-appellant li se jehodlu l-*breathalyser* gahx xammlu riha ta' birra. L-appellant irrifjuta u qallu li ma kienu qed jaghmlu xejn hazin. Wara ftit waslu tal-mobile, wiehed talbu l-*particulars*, l-appellant tahomlu u ahduh l-ghassa ta' Birkirkara. Meta rritorna d-dar aktar tard, innotatlu marki ma' ghonqu, mal-minkeb u ma' daharu. In kontroezami qalet li kemm hi kif ukoll it-tfal kellhom riha ta' xorb fuqhom ukoll u ma xorbux. L-appellant ma jistax jixorb u jabbuza mill-alkohol gahx ghandu problemi b'ghajnejh u jekk jinqalghulu komplikazzjonijiet irid imur jiehu kura. Qalet li l-appellant qallu wkoll li kien qed jabbuza mill-poter ghax ma kienx qieghed isuq.

L-appellant ammetta li beda jargumenta ma' P.C. 1078 u anke li gholla lehnu. P.S. 241 u P.C. 525 jghidu li bdew jippruvaw jikkalmaw lill-appellant u li dan beda jargumenta

maghhom. P.C. 1078 jghid li l-appellant beda jghajjat u joghla. Fil-fehma tal-Qorti bniedem li jkun qieghed jagixxi b'dan il-mod mhux necessarjament ikun fis-sakra. Bizzejjed jekk ikun irrabjat. Iz-zewg pulizija tal-mobile, P.S. 241 u P.C. 525 ma jirreferu bl-ebda mod ghal xi agir ta' l-appellant li juri li dan kien fis-sakra u wisq anqas li kien fis-sakra "b'mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu". Hadd ma qal li l-appellant ma felahx fuq saqajh, jew li ma setghux jifhmu kliemu, jew li ma bediex jaghmel sens f'diskorsu. Sfortunatament il-prosekuzzjoni naqset milli tipproduci lil P.C. 522 bhala xhud. Ghalhekk din il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda *viva voce*, ma tara l-ebda raguni ghaliex l-appellant u Amanda Ann Galea m'ghandhomx jitwemmnu meta jghidu li l-ewwel pulizija kien semplicement qalilhom biex ma jibqghux ipparkjati fejn ipparkjaw u biex jipparkjaw faccata. Certament mhux ordnijiet li jinghataw lil xi hadd li hu fis-sakra u li waqaf fejn waqaf "biex jipprovoka". Ghax jekk il-provokazzjoni kienet gejja mill-fatt li l-appellant kien liebes flokk tal-Belt, xorta kien se jkun hemm il-provokazzjoni jekk, wara li jkun ipparkja faccata, jirritorna lejn il-McDonald's liebes hekk! Ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif jistghu jirrizultaw l-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Kwantu ghat-tielet imputazzjoni huwa ammess mill-appellant li rrifjuta jaghti kampjuni tan-nifs meta kien fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Ma jirrizultax li ntalab jaghti kampjuni ta' l-urina. Huwa jghid li rrifjuta li jaghti l-kampjuni minhabba l-mod arroganti kif avvicinah il-pulizija meta huwa kien qieghed jobdi ordni ta' pulizija iehor. Naturalment din mhix wahda mid-difizi li tistipula l-ligi. Izda l-process irid jinghata bidu fejn ufficjal tal-Pulizija jkollu suspett ragjonevoli, *inter alia*, li "persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' *motor-car* jew vettura ohra fit-triq jew f'post pubbliku iehor u li kellha alkohol f'gisimha u li dik il-persuna kien ghad ghandha l-alkohol f'gisimha" (art. 15C(b) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta). Jidher li d-decizjoni ta' P.C. 1078 biex igieghel lill-appellant jissottometti ruhu ghal *breathalyser test* kienet b'rizultat tar-reazzjoni ta' l-appellant wara li gie akkuzat bi provokazzjoni u l-imsemmi pulizija xamm riha ta' birra u ma qaghadx iqis jekk dik ir-riha kinitx hierga minn halq l-

appellant jew inkella kinitx biss fuq hwejgu. Difatti fl-ebda mument ma jghid P.C. 1078 li l-appellant kellu riha ta' birra jew alkohol hierga minn halqu. Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li tista' taccetta li P.C. 1078 seta' kellu "suspett", tali suspett ma kienx fic-cirkostanzi wiehed "ragjonevoli", aktar u aktar meta hadd mill-pulizija l-ohra li pprezentaw l-affidavits l-anqas biss qalu li xammew xi riha ta' xorb fuq jew gejja minn halq l-appellant.

Ghaldaqstant dwar it-tielet imputazzjoni l-appellant qed jinghata l-beneficcju tad-dubju u sejjer jigi lliberat minn dik l-imputazzjoni.

Kwantu ghar-raba' u l-hames imputazzjonijiet, dak li din il-Qorti hi sodisfatta li jirrizulta huwa l-kliem ossia kelma oxxena li huwa indirizza lill-Pulizija. Ghalkemm l-appellant jichad li offenda lill-Pulizija, din il-Qorti temmen li huwa aktar verosimili illi fir-rabja li kellu huwa uza l-kelma li semma P.C. 1078 fil-konfront taghhom. L-istess P.C. 1078 pero` stqarr li l-appellant ma daghax. Inoltre la jirrizulta li l-appellant hedded u l-anqas li ghamel xi offiza fuq P.C. 1078 u P.C. 522.

Kwantu mbaghad ghas-sitt imputazzjoni, din il-Qorti hi sodisfatta wkoll illi huwa ma tax il-*particulars* tieghu lil P.C. 1078.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tar-raba' imputazzjoni, b'dan li jirrizulta biss li huwa ingurja lill-ufficjali msemmija fl-imputazzjoni, u in kwantu sabitu hati tas-sitt imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal multa ta' hames mitt euro (€500) u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata u minflok tikkundannah ghal ammenda komplessiva ta' sebgha u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€87.34).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------